MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Talba Numru. 909/2011

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Gian Luca Costa [K.I. Nru. 217692M]**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fl-20 ta’ Ottubru, 2011 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elf tmien mija tnejn u tletin euro u hmistax-il centezmi ta’ euro (€1,832.15) u dan wara li ppremettiet hekk:

“Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf tmien mija u tnejn u tletin euro u hmistax-il centezmu (€1,832.15) in konnessjoni ma’ servizzi rezi (AC 51049871).

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-

kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2750/11”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fis-6 ta’ Marzu, 2012, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar id-9 ta’ Marzu, 2012, nhar il-25 ta’ April, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar il-25 ta’ April, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra d-dokumentazzjoni esebita mill-istess socjeta attrici, u cioe d-dokumenti A (prospett tal-kont numru AC51049871), B (Agreement Penalty), C (Kuntratt), D (Estratt mir-registru Elettorali) u E (ittra ufficjali maghmula taht l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta numru 2750/11);

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf tmien mija tnejn u tletin euro u hmistax-il centezmi ta’ euro (€1,832.15), bl-imghax mid-data ta’ l-ittra ufficjali numru 2750/11 u cioe 18 ta’ Lulju, 2011 esebita bhala dok. E (fol. 7).

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------